MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2011

Numru 1297/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**Vs**

**Mohammed Hassan Abukkra**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta’ Mohammed Hassan Abukkra ta’ erbgha u tletin (34) sena, ta’ nazzjonalità Somala, imwieled is-Somalja fis-7 ta’ Marzu 1977, bin Hassan u Aisha, bin-Numru tal-Pulizija 09A-138, talli f’data mhux maghrufa bejn Gunju u Ottubru 2011, bhala persuna li imbarka jew zbarka minn jew go Malta naqas illi jkollu passaport u naqas illi jaghti lill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jehtieg ai termini ta’ l-Artikolu 28 tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u rat l-atti kollha ta’ dan il-kaz.

Semghet lill-imputat jammetti ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u dana minkejja l-fatt li din il-Qorti, a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bl-iktar mod solenni bil-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena, in partikolari l-fatt li l-imputat ghandu l-intenzjoni jirritorna lura s-Somalja u li fid-dawl ta’ tali intenzjoni hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza li terminu ta’ xahar prigunerija hija piena idoenja fic-cirkostazni.

**Ikkunsidrat:**

Wara li semghet l-ammissjoni ta’ htija ta’ l-imputat ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr li issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija, li ghandu fedina penali netta u l-fatt li jrid jirritorna lura f’pajjizu ossia s-Somalia. Hadet in konsiderazzjoni wkoll dak li rrizulta mit-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena li ghandha tigi inflitta fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz.

Ghalhekk, wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 28 u l-Artikolu 32 (1)(g) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal xahar prigunerija.

Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------